**KUNSILL LOKALI IR-RABAT (KLR)**
**IS-SEBA' LEĠIŻLATURA**
**MINUTI TAL-LAQGĦA NUMRU TMIENJA U TMENMIN (88)**

**It-Tlieta 13 ta' Novembru 2018 fis-7.00 pm** Data u ħin
**fl-Uffiċċji Amministrattivi f'nru 8, Triq l-Isptar, Ir-Rabat**

** **PREŻENTI:** Attendenza

| | |
|---|---|
| Is-Sur Charles Azzopardi | Sindku |
| Is-Sra Doris Coleiro | Viċi-Sindku |
| Is-Sur Nazju Cassar | Kunsillier |
| Is-Sur Ian Vassallo | Kunsillier |
| Is-Sur Andrew Mallia | Kunsillier |
| Is-Sur Stephen Borg | Kunsillier |
| Is-Sur Peter Paul Azzopardi | Kunsillier |

**ASSENTI B'APOLOĠIJA:**

| | |
|---|---|
| Is-Sur Rudolph Grima | Kunsillier |

**ASSENTI :**

| | |
|---|---|
| Is-Sur Paul Grech | Kunsillier |

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Is-Sur Anthony Bonello | Segretarju Eżekuttiv (SE) |

*** Il-laqgħa kienet ippreseduta mis-Sindku, is-Sur Charles Azzopardi u bdiet mingħajr il-kunsillier is-Sur Stephen Borg li s-Sindku qal li kellmu u kellu jittardja xi ftit.

**88.01 Qari tal-ittri ta' apoloġija**

88.01 Is-Segretarju Eżekuttiv kien fil-pussess ta' e-mails b'notifiki ta' apoloġija tas-Sur Rudolph Grima. Dan kien skużat mil-kunsillieri. Is-Sur Paul Grech għadu ma ppreżentax iċ-ċertifikati mediċi. Qari tal-ittri ta' apoloġija

88.02 **Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport Finanzjarju tat-Tielet Kwart tal-Kunsill Lokali tar-Rabat (Virtu u Baħrija inklużi) – Lulju – Settembru 2018**

88.02 Ir-Rapport Finanzjarju għat-Tielet Kwart tas-sena 2018, kien ippreżentat lill-KLR mill-Accountant u dan kien approvat unanimament wara li kien propost mis-Sindku u ssekondat mid-Deputat Sindku. Rapport Finanzjarju Lulju – Settembru 2018

** Is-Sur Stephen Borg daħal għal-laqgħa fis-7.15pm.

**88.03** **Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti – Seduta numru 86 u 87;**

88.03 Il-minuti tal-KLR numru 86 u 87 kienu mressqa għal vot mis-Sindku u ssekondati mid-Deputat Sindku u dawn ġew approvati unanimament mingħajr l-ebda' emenda.

Approvazzjoni tal-Minuti numru 86 u 87.

**88.04** **Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti numru 49 tal-Kumitat Amministrattiv tal-Baħrija;**

88.04 Il-minuti numru 49 tal-Kumitat Amministrattiv tal-Baħrija, kienu mressqa għall-vot mis-Sindku u ssekondati minn Nazju Cassar. Minkejja li is-Sur Andrew Mallia ma qabilx mal-proposta li Triq il-Lewż tiġi *one-way*, il-KLR se jagħmel it-talba xorta lill-TM. Il-minuti kienu approvati unanimament.

Approvazzjoni tal-Minuti numru 49 tal-Kumitat Amministrattiv tal-Baħrija.

88.05 **Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti numru 47 u 48 tal-Kumitat Amministrattiv tal-Virtu;**

88.05 Il-minuti numru 47 u 48 tal-Kumitat Amministrattiv tal-Virtu' kienu mressqa għall-vot mis-Sindku u ssekondati mis-Sur Nazju Cassar. Dawn kienu approvati b'vot unanimu.

Approvazzjonni tal-Minuti numru 47 u 48, tal-Kumitat Amministrattiv tal-Virtu'

**88.06** **Komunikazzjoni mis-Sindku**

Mandat ta' tfittxija

88.06.01 Is-Sindku qal illi hu kien infurmat mis-SE nhar it-3 ta' Settembru li intbgħatu uffiċjali tas-CID fl-uffiċċju b'mandat datat 29 t'Awwissu 2018, maħruġ mill-Maġistrat Claire Stafrace Zammit li ħareġ biex ifittxu fuq il-KLR. Is-Sur Charles Azzopardi qal illi dan il-mandat sar fuq żvilupp li sar qabel, jiġifieri meta għamel talba lill-partit biex jikkontesta l-elezzjoni lokali, fejn sussegwentement ma ġiex aċċettat li jikkontesta fl-elezzjoni tal-Kunsilli Lokali. Hu semma' li kien irċieva mill-partit rapport anonimu mimli allegazzjonijiet ta' xogħlijiet li saru *b'Purchase Orders* normali, u mhux bħalma kien isir qabel mingħajr *Purchase Order.* Is-Sindku qal illi rribatta' dan kollu b'rapport ieħor dettaljat li għamel hu u bagħatu fost l-oħrajn anke lill-Prim Ministru ta' Malta, il-Bord tal-Governanza kif ukoll lill-Awditur Ġenerali.

Is-Sur Azzopardi qal illi dan il-kunsill kellu d-dejn, u issa sar wieħed sostenibbli minkejja l-allegazzjonijiet kollha li ssemmew fuq terzi persuni. Hu qal illi qabbad avukat responsabbli mill-kriminal, għax ħass weġgħa għaliex il-partit tiegħu għamel dawn l-allegazzjonijiet kontra tiegħu. Is-Sindku qal illi kienet provduta dokumentazzjoni sa mill-2014, jiġifieri sa mil-leġislatura preċedenti, filwaqt li għamel referenza għas-Segretarju Eżekuttiv preċedenti fejn qal illi kulħadd jaf kemm kienet rigoruża u retta. Sostna li dan kollu jidher li sar minn kunsillier laburist li jista' jkun preżenti jew mhux. Is-Sur Azzopardi qal illi dan ir-rapport mimli allegazzjonijiet infondati sar bl-addoċċ għax jidher li fi tmiemu żdiedet karta oħra miegħu u għaldaqstant il-mandat jirrevolvi fuq rapport anonimu mimli allegazzjonijiet koroh u li hu mhux se joqgħod kwiet sakemm toħroġ il-verita', għax il-KLR ħadem tajjeb u qatt ma ħares lejn kuluri. Is-Sur Azzopardi qal illi hu lest li jitla' jixhed u jekk hemm bżonn jikkonfronta fil-

Qorti lil min għamel ir-rapport anonimu u mhux veritier. Hu ikkonkluda billi qal illi dawn l-allegazzjonijiet ma kienux minnhom, u jinsab iddispjaċut għax ta saħħtu matul dawn il-5 snin u 8 xhur u ma qatt ma qatgħa qalbu.
Is-SE qal illi l-investigazzjonijiet kienu jirrikjedu illi joħorġu mill-uffiċċju 'il fuq minn 4000 karti f'kuntratti oriġinali u din ħadet lill-uffiċjali kollha tal-uffiċċju ġimgħa u nofs *overtime* biex ittieħdu l-fotokopji ta' dawn l-offerti pubbliċi u l-kopji tal-kontijiet, stimi u riċevuti.

88.06.02 Il-KLR iddiskuta l-introduzzjoni tal-ġabra tal-borża organika u t-talba mill-kollettur għal €140 eskluża l-VAT u l-Management Fee kull ġurnata li jmur jiġbor l-iskart organiku miz-zona rurali. Din se żżid l-ispejjeż tal-kuntratt tal-KLR b'27%, minkejja li se jkunu irkuprati mill-Wasteserv Malta Ltd. Il-KLR qabel unanimament illi tkun introdotta l-ġabra tal-iskart organiku miz-zona rurali bil-patt illi dan ikun separat u jekk jitħallat l-iskart jinqatgħu il-flus mill-pagament. Hawn issemmew diversi nuqqasijiet fil-ġbir tal-iskart fosthom Ta' Duna, Ta' Franton u ta' Qasgħa. Kunsillier qal li wieħed irid jikkunsidra l-ħruġ ta' default notices.

Zieda ta' €173.46 għal kull ġabra tal-iskart organiku biex tkopri t-trasport fil-kampanja.

88.06.03 Kien hemm proposta sabiex jitwaħħlu 10 cctv's biex jissolverjaw l-iskart fosthom fi Sqaq Kilin, Triq il-Qadima ta' Ħaż-Żebbuġ, Triq il-Kulleġġ fejn il-Latrina u Triq San Pawl fejn ħanut popolari tat-te'.

Proposta ta' cctv cameras fir-Rabat

88.06.04 Is-Sindku ippropona li jitwaħħlu ħames lampi ġodda oħra. Ian Vassallo issekondaħ u kien hemm qbil unanimu biex dawk il-ħamsa li jmiss minn fuq il-lista, jitwaħħlu fil-futur qrib.

5 lampi ġodda

88.06.05 Se napplikaw għal refużjoni permezz ta' skema biex inkunu kumpensati b'€1,000 f'tagħmir biex ikunu jistgħu isiru il-korsijiet tal-Lifelong Learning. Dawn se jintefqu fuq *Lap-Top* u *White-Board* li fil-fatt diġa' inxtara għax dak eżistenti ma baqgħax funzjonabbli.

€1,000 f'refużjoni għall-eżekuzzjoni tal-korsijiet tal-Lifelong Learning.

88.06.06 Se ninsistu mal-Perit tal-Kunsill sabiex ilesti d-dokumentazzjoni neċessarja sabiex toħroġ l-offerta pubblika biex jingħalqu l-iskavi ta' Triq Santa Rita.

Offerta Pubblika – Tisqif tal-Iskavi fi Triq Santa Rita.

88.06.07 Is-Sindku staqsa dwar id-dekorazzjonijiet tal-Milied fit-toroq tar-Rabat. Is-SE qal illi se jsiru il-ħlasijiet għall-applikazzjonijiet ta' tliet kaxxi tal-elettriku ma' l-*Arms Ltd.*

Dekorazzjonijiet tal-Milied.

88.06.08 Is-Sindku qal illi peress li fil-Pjazza tal-Parroċċa hemm dlam kbir, tajjeb illi jinbidlu l-lanterni wieħed wieħed għaliex dawk li hemm huma difettużi u qed jaqtgħu id-dwal kollha. Dan ix-xogħol se jagħmlu l-kuntrattur tal-KLR, Micamed.

Dwal tal-Pjazza

88.07

88.07.01 Is-Sur Nazju Cassar ippropona illi jitwaħħal *air conditioner* u jsir sufan/bank fil-kċina biex jitkompla il-proġett li kien inbeda' sena ilu. Ma' kienx hemm oġġezzjoni għal dan. Attrezzament fil-kċina

88.07.02 Is-Sur Ian Vassallo qal illi saritlu proposta biex jitwaqqaf kumitat dwar siġar u pjanti fir-Rabat. Peter Paul Azzopardi qal illi hu jaqbel magħha, iżda qiegħdin tard u proposta bħal din nistgħu ngħadduha għal-leġislatura li jmiss. Kumitat dwar Siġar u Pjanti

88.07.03 Is-Sur Peter Paul Azzopardi ilmenta mill-kwantita' kbira ta' ilma tax-xita li qed jaqa' f'Dar Ħanżira. Hu ppropona illi jsir culvert fin-nofs biex forsi ikunu jistgħu joħorġu ir-residenti fil-ħinijiet tax-xita. Ilma tax-xita

**88.08 Konsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda tal-pagamenti 285, 286 u *Works Order* 4, 5;**

88.08.01 Kienu approvati unanimament l-iskedi tal-pagamenti 285, 286 u l-iskedi 4 u 5 tal-*Works Orders*, wara li kienu ffirmati mill-proponent u s-ssekondant skont kif muri fuq l-istess dokumenti. Skedi tal-pagamenti u Purchase/Works Orders

**88.09 Konsiderazzjoni u approvazzjoni tar-Rapport tas-*Selection Panel* – Clerk Scale 15 u Executive Officer Scale 13 (Avviż fit-*Times of Malta*)**

88.09.01 Kienu ppreżentati ir-Rapport tas-*Selection Panel* għall-ingaġġ ta' Skrivan fi Skala 15 u *Executive Officer* fi Skala 13. Kien hemm qbil unanimu dwar il-persuni magħżula biex iservu fil-KLR, wara li kienu proposti mid-Deputat Sindku u ssekonda Peter Paul Azzopardi. Ingaġġ tal-iskrivani

**88.10 Proposti għall-White Paper dwar ir-Riforma tal-Gvern Lokali;**

88.10.01 Is-Sindku tkellem dwar il-*White Paper* tar-riforma tal-Kunsilli Lokali. Hu qal illi ma jemminx illi l-Kumitati Amministrattivi kienu effettivi. Dan għaliex ma kienx hemm għalfejn illi wieħed irid jara xi jgħid il-Kumitat Amministrattiv biex ikun jista' jaġixxi il-Kunsill, minkejja li jaqbel illi r-Reġjuni jkollhom aktar irwol speċifiku u għandhom jissaħħu. Riforma fil-Kunsilli Lokali – White Paper

**88.11 L-approvazzjoni tal-Offerta tal-*Qtugħ tal-ħaxix ħażin fiz-zona rurali* lit-tieni l-aktar kuntrattur vantaġġjuż wara li l-ewwel wieħed irrifjuta l-offerta.**

88.11.01 Is-Sur Ian Vassallo ippropona u ssekonda is-Sur Nazju Cassar sabiex tingħata l-approvazzjoni ħalli tingħata l-Offerta tal-*Qtugħ tal-ħaxix ħażin fiz-zona rurali* lit-tieni l-aktar kuntrattur vantaġġjuż wara li l-ewwel wieħed irrifjuta l-offerta. Dwar dan kien hemm il-kunsens mil-kunsillieri kollha. Qtugħ tal-Ħaxix ħażin f'zoni rurali

**88.12 Mozzjoni proposta mir-Reġjun Tramuntana biex jingħata 'ownership' tal-Victoria Lines lir-Reġjun;**

88.12.01 Is-Sindku ippropona mozzjoni xprunata mir-Reġjun Tramuntana biex l-istess Reġjun jingħata 'ownership' tal-Victoria Lines. Din il-mozzjoni kienet issekondata mis-Sur Ian Vassallo u għaddiet unanimament. Victoria Lines

**88.13 Talba mis-Sra Jackie Agius biex tingħata il-permess għall-ħruġ ta' mwejjed u siġġijiet mis-7 sas-16 ta' Diċembru 2018 fi Triq il-Kbira;**

88.13.01 Issemmiet it-talba ta' propjetarju ta' ħanut tat-te fi Triq il-Kbira biex joħroġ l-imwejjed u s-siġġijiet bejn is-7 u s-16 ta' Diċembru. Il-KLR iddeċieda illi jagħti l-permess mis-7.00pm 'il quddiem u il-ġurnata kollha nhar ta' Ħadd u l-festi. Dan il-perjodu se jaħbat mal-attivita' *Natalis Notabilis.* Permess tal-imwejjed u s-siġġijiet.

**88.14 Talba għal kumpens mill-KLR, mill-Kumitat Natalis Notabilis, biex iħallu jixhelu t-toroq sas-7 ta' Jannar 2019.**

88.14.01 Il-KLR iddiskuta it-talba ta' l-organizzaturi ta' *Natalis Notabilis* sabiex iħallu d-dawl festiv jixhel tal-Milied wara l-attivita' li ġġib l-istess isem, sa Jannar 2019. Il-KLR qabel illi dan isir għall-ħlas ta' €1,500. Tiżjin tat-toroq fil-Milied mill-Kumitat tan-Natalis Notabilis

**88.15 L-EIA tal-Verdala – biex tinħatt u terġa' tinbena mill-ġdid flimkien ma' Dar għall-Anzjani.**

88.15.01 Il-KLR iddiskuta l-iżvilupp propost biex titwaqqa' u tinbena l-lukanda Verdala. Hawn intqal illi l-KLR kien diġa' iltaqa' mal-iżviluppatur fejn kien hemm qbil illi t-trakkijiet ma jużawx Triq Inguanez u Triq San Bastjan, iżda jidħlu minn Triq San Vinċens Ferreri lejn tal-Virtu' minn wara. Bini tal-Verdala mill-ġdid.

**88.16 Proposta ta' ffirmar ta' MOU ma' Green Isles Projects Ltd Malta għall-Green and Bio-Technology Projects fil-kuntest ta' 2020-2050 EU Environment & Building tasks;**

88.16.01 Is-Sindku ipprona u Ian Vassallo issekonda il-proposta ta' ffirmar ta' MOU ma' *Green Isles Projects* Ltd Malta għall-Green and Bio-Technology Projects fil-kuntest ta' 2020-2050 EU Environment & Building tasks. Permezz ta' dan il-proġett ambizzjuż, il-KLM se jkun qed jara kif ir-Rabat ikun aktar sostenibbli mill-att ambjentali u fl-istess ħin ifittex fondi ewropej biex ilaqqa' l-ambjent mibni ma dak agrikolu. MOU ma' Green Isles Ltd

**88.17 Mozzjonijiet – Dawl tal-Koppla tal-Parroċċa, Ħammiela fi Triq Santa Rita u L-għargħar ta' Triq Tabija;**

88.17.01 Mozzjoni imressqa mis-Sur Andrew Mallia u ssekondata mis-Sra Doris Coleiro, biex tinxtehel il-koppla tal-Parroċċa tar-Rabat. Il-KLR qabel illi jagħmel talba f'dan is-sens lill-awtoritajiet governattivi biex tintalab għajnuna, ħalli l-wirt storiku Rabti jkun jista' jitgawda anke bil-lejl. Mozzjoni dwar id-dwal tal-Koppla tal-Parroċċa.

88.17.02 Mozzjoni imressqa mis-Sur Andrew Mallia u ssekondata mis-Sra Doris Coleiro, biex tiċċekken il-ħammiela (*raised flower bed*) fi Triq Santa Rita kantuniera ma Triq Emmanuele Vitale. Dwar dan it-tibdil fl-alignment tat-triq ma kienx hemm qbil għaliex din is-soft area hija parti mill-proġett ta' Triq Santa Rita li ma jistax jintmess qabel diversi xhur oħra.

Mozzjoni dwar modifika tal-ħammiela tax-xtieli fi Triq Santa Rita

88.17.03 Mozzjoni imressqa mis-Sur Andrew Mallia u ssekondata mis-Sra Doris Coleiro biex issir mill-ġdid Triq Għeriexem/Tabija. Il-KLR qabel unanimament illi din it-triq li qed iżżomm kwantita' kbira ta' ilma li qed jieqfu fiha anke saħansitra vetturi kbar, terġa' ssir mill-ġdid biex ikun hemm 'drainage' adekwat tal-ilma tax-xita minn *Infrastructure Malta.*

**86.18 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

Tmiem il-laqgħa u d-data u l-ħin tas-seduta li jmiss.

Il-laqgħa li jmiss se tinżamm nhar il-11 ta' Diċembru 2018, fis-7.00pm.

| | **(IFFIRMATA)** | | **(IFFIRMATA)** |
|---|---|---|---|
| Magħmula minn | Anthony Bonello u approvati llum | 11/12/18 minn | Charles Azzopardi |
| | Segretarju Eżekuttiv | | Sindku |